**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 11 ta' Marzu 2021.**

**Rikors numru 180/2019**

**Ivan Vella ghan-nom tas-socjeta` Vanmar Co. Limited (C 19182)**

**Vs**

**Anthony Grech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur *nomine* ipprezentat fl-20 ta' Awwissu 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' disat elef, disa' mija u tmienja u tletin ewro u disgha u hamsin centezmu (€9938.59) rapprezentanti ammont dovut ta' *invoices* ghas-servizzi rezi fuq inkarigu tieghu kif indikat fir-rendikont immarkat bhala Dokument A.

Rat li l-konvenut debitament notifikat b'dawn il-proceduri, baqghat ma dehex quddiem din il-Qorti biex jikkontesta l-kawza u lanqas ma pprezentat ebda risposta.

Semghet ix-xhieda ta' Anthony Grech ;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha.
Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2021 l-attur *nomine* iddikjara li m'ghandux iktar provi xi jressaq ;

Rat illi fl-istess seduta l-konvenut nghata hmistax-il gurnata zmien sabiex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet ;

Rat illi ma giet ipprezentata l-ebda nota ta' sottomissjonijiet ;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat :**

Illi Ivan Vella, ghan-nom tas-socjeta` attrici, xehed bil-gurament illi mill-ammont mitlub fir-rikors ma thallas xejn.

Illi l-konvenut, kif gia inghad huwa kontumaci u baqa' qatt ma ressaq l-ebda difiza ghal dak reklamat mill-attur *nomine*.

Fic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandha quddiemha l-ebda verzjoni hlief dik tal-attur *nomine* u wara li semghetha, tqis illi t-talba tieghu giet debitament ippruvata, hija gustifikata u kwindi ghandha tigi milqugha.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur *nomine*, u tikkundanna lill-konvenut Anthony Grech ihallas lill-attur *nomine* is-somma ta' disat elef, disa' mija u tmienja u tletin ewro u disgha u hamsin centezmu (€9938.59) bl-imghaxijiet legali mid-data minn meta l-ammont kien dovut skont kif muri f'Dokument A a fol. 2 tal-process sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluz dawk tal-ittra ufficjali Numru 1032/2019 u tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 835/2019.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**